GUDJA

Minuti tat-tieni parti tal-ħames laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret illum it-Tlieta 03 ta' Novembru 2009 fil-5.30p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera; | Osvaldo Pace, Anthony Dalli u Mark Anthony Sammut |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 04/6 (30/09/2009)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett tal-Mitħna Housing Estate

5. Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf
   a. GreenPak - Separazzjoni ta' l-iSkart (16/10/2009)

6. Attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 09/10

7. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m.

Is-Sindku u l-Kunsilliera qalu t-talba.

Il-Kunsill reġa iltaqa illum it-Tlieta 03 ta' Novembru 2009 fil-5.30p.m. u kompla fuq l-Agenda oriġinali li ġiet ċirkulata għal ħames laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għal Gudja.

**3.0 Rapporti**

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Ħtieġa ta' bini ta' bankina qasira fi Triq Ħal Safi Gudja. Il-Kunsill qabel li hemm ħtieġa li jsir dan ix-xogħol iżda jidher li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill m'għandhomx il-kompetenza meħtieġa dwar dan ix-xogħol. Għalhekk il-Kunsill qabel li joħroġ tender għal bini ta' ħitan singlu, dobblu, bricks (bini), konkos u xogħol ta' bankini li jinkludu l-kurduna.

Il-Kunsill qabel ukoll li tinħareġ tender għal patching kif ukoll major patching.

3.1.2 Vent t'arblu fejn Blokk 1 Tal-Mitħna Housing Estate Gudja. Il-Kunsill qabel l jinforma lil Enemalta dwar dan sabiex kull inkonvenjent jew perikolu jitneħħa bla dewmien.

3.1.3 Triq l-antika li tagħti għat-triq ħdejn il-mitjar qrib il-kappella ta' Loretu Gudja. Is-Sur Dalli qal illi peress li kif tinsab it-triq issa hija li dħul u ħruġ tat-traffiku hija minn triq waħda li mhux tajba għall-ammont ta' traffiku li jidħol u joħroġ minnha, it-triq l-antika għandha tingħata major patching u t-triq eżistenti ssir one way u jsiru tabelli xierqa sabiex it-traffiku jingħata direzzjoni tajba meta jkun dieħel jew ħiereġ għat-triq li tiżbokka qrib il-mitjar u b'hekk jiġi evitat il-periklu kemm għas-sewwieqa kif ukoll għal dawk li jkunu qed jimxu f'dawn l-inħawi.

Il-Kunsill qabel li jitlob lill-ADT sabiex tagħti parir u approvazzjoni meħtieġa qabel ma jsir xogħol ta' major patching fit-triq l-antika msemmija.

3.1.4 Parti minn Triq Bir Miftuħ sa Triq BurĠlat tiġi one-way. Il-Kunsill qabel li jidħol f'konsultazzjoni diretta mar-residenti speċjalment dawk involuti sabiex b'hekk kull deċiżjoni tal-Kunsill tkun bażata u mibnija fuq ix-xewqa tar-residenti

3.1.5 Ħajt mwaqqa li qed ikun kawża li jagħmluha faċli għal min iwaddab skart fl-għalqa fi Triq Santa Marija Gudja.

Il-Kunsill qabel li nitolbu lil kuntrattur ta' l-iscammel li jiġbor skart domestiku sabiex jiġbor dan l-iskart li ntrema fl-għalqa li tagħti għal mat-Triq Santa Marija.

Dwar it-tiswija fil-ħajt, il-Kunsill jinsab f'dilemma peress dan jagħti fuq naħa għat-triq Santa Marija u fuq naħa oħra fuq proprejta privata.

Saret diskussjoni fejn il-Kunsillier Pace sostna illi mill-informazzjoni li għandu la l-ħamrija tiġi taħt il-livell tat-triq, il-ħajt jiġi jifforma parti mit-triq u allura jaqa' taħt ir-responsabilta tal-Kunsill illi jagħmel it-tiswija neċessarja fuq l-istess ħajt.

Il-Kunsill qabel li jitlob l-parir ta' l-Avv. P. Lia dwar dan il-punt tal-liġi qabel isiru xi tiswijiet fuq dan il-ħajt.

3.1.6 Sleeping policeman fi Triq Bir Miftuħ. Il-Kunsill qabel li ma jistax iċaqlaq is-sleeping policman peress li ma hemmx post li jagħmel dan f'xi post ieħor u l-Kunsill ikkonferma li s-sleeping policeman huma meħtieġa fi Triq Bir Miftuħ peress li dawn irrażnu sewqan żejjed li joħloq perikolul il kull min jagħmel użu minn din it-triq.

3.1.7 Lines sofor fi Triq W. Baker (ħdjen il-kampnar) Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lil ADT sabiex isir double yellow line mal-parti d-dejqa ħdjen il-katuniera qrib il-kampnar iżda dan għandu jħalli spazju biżżejjed għall-parking space adekwat.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-file ta' l-ittri li ntbagħatu ġie preżentat lil Kunsill. Il-Kunsill ħa nota ta' diversi ittri fosthom dik dwar it-tindif tal-ġibjuni li ntbagħatet lil Onor G. Pullicino, diversi ittri dwar is-separazzjoni tal-iskart u ftehim mal-GreenPak, email dwar il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, ittra lil Perit D. Falzon sabiex jagħti l-kummenti tiegħu u jiċċertifika l-kontenut (fejn jaqbel u jindika fejn ma jaqbilx fir-rapport tal-kont u dokumenti mehmuża mal-kont datat 14 t'Ottubru 2009 ittra lis-soċjetajiet mużikali Marija Assunta kif ukoll Soċjeta Filarmonika La Stella dwar id-dawl tal-festi tal-Milied 2009/2010.

3.2.2 Il-Kunsill qabel mal-kontenut ta' dawn id-diversi ittri u ħeġġeġ sabiex dawn ikomplu jiġu segwiti u jinkiseb progress kif ikun meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-file ta' l-ittri li rċevejna ġie preżentat lil Kunsill. Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' din il-korrispondenza speċjalment dik hawn indikata.

3.3.2 Ref: 01365/09. Memo 56/2009. Emendi għall-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ġie infurmat illi fis-seduta tal-Parlament tat-30 ta' Settembru 2009, ġie apporvat b'mod unanimu l-abbozz numru 27 li jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363). Dan l-abbozz jirrifletti l-emendi leġislattivi li ġew approvati fil-proċess tar-riforma tal-Kunsilli Lokali. Id-Direttur fakkar fl-emenda li qed issir għall-artikolu 48(2) tal-att, tobbliga lill-Kunsilli Lokali kollha li jiftħu ukoll nhar ta' Sibt.

3.3.3 Ref: 01366/09. Tender dwar il-ġbir ta' skart domestiku. Il-Kunsill ħa nota dwar id-dokumenti meħtieġa meta jinħareġ il-kuntratt dwar il-ġbir tal-iskart domestiku imħallat.

3.3.4 Ref: 01368/09. Diposal fees ġodda għar-rimi tal-iskart imħallat fil-landfill Memo 57/2009. Il-Kunsill ħa nota ta' dak li ntqal f'din il-memo speċjalment illi mill-01 t'Ottubru 2009, id-disposal fee għar-rimi tal-iskart imħallat fil-landfill ser tkun ta' €20.00 kull tunnellata.

Il-Kunsill innota ukoll illi matul dan il-perjodu (ta' moniteraġġ) il-Kunsill għandhom javżaw lil WasteServ Malta Ltd kull meta l-fattura (invoice) tkun ta' aktar tunnellaġġ minn dak li għalih ikunu ġew allokati l-flus mill-gvern u jħallsu sal-massimu tal-flus li qed jingħataw u mhux iżjed.

3.3.5 Ref: 01373/09. Stedina mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Infomrazzjoni Chris Said nhar l-Erbgħa 28 t'Ottubru 2009 fit-3.00p.m. Il-Kunsill ħa nota ta' din l-istedina u qabel li jattendi għal din il-laqgħa importanti dwar l-implimentazzjoni tat-tiġdid tal-Kunsilli Lokali.

3.3.6 Ref: 01375/09. Statemtnt of Funds – UIF. Il-Kunsill ħa nota ta' l-ammont disponibbli ta' €13,208.00 u qabel li jagħmel il-pjanijiet meħtieġa u jieħu passi sabiex jagħmel proġett siewi li jiġi finanzjat minn dawn il-fondi.

3.3.7 Ref: 01376/09. Laqgħa għall Pubbliku mill-Fondazzjoni GAL Xlokk nhar is-Sibt 02 t'Ottubru 2009. Il-Kunsill qabel li jħeġġeġ lir-residenti tal-Gudja sabiex jattendu għal din il-laqgħa u jesprimu l-fehma ta' dak li jixtiequ mill-program LEADER.

3.3.8 Ref: 01390/09. Avviż legali dwar ir-regolamenti tal-2009 dwar offerti lill Kunsilli Lokali – memo 59/2009. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-memo u qabel li jimxi skond din il-memo.

3.3.9 Ref: 01401/09. Rapport dwar l-effiċjenza tal-Kunsilli Lokali – memo 60/2009. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-memorandum u qabel li jeżamina dik il-parti li tolqot il-ħidma tal-Kunsill.

3.3.10 Ref: 1404/09. Ġbir ta' skart bi trakkijiet miftuħa. Il-Kunsill ħa nota ta' din l-email u qabel li jassikura li ma jkunx hemm ġbir għajr dak b'vetturi neċessarji (scammels) u li tinżamm l-aqwa indafa waqt il-ġbir u trasport ta' dan l-iskart.

3.3.11 Ref: 1408/09. MOC Local Council Sports Awards. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-iskema u jibgħat l-applikazzjoni sal-Ġimgħa 20 ta' Novembru 2009.

3.3.12 Ref: 1416/09. Ħtieġa ta' tarmak fi Triq F. Castagna Gudja. Il-Kunsill ħa nota ta' din l-ittra datata 10 t'Ottubru 2009 u qabel li jieħu l-passi meħtieġa meta l-finanzi tal-Kunsill ikunu jippermettu.

3.3.13 Ref: 1422/09. Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-regolamenti dwar petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali – Memo 61/2009. Il-Kunsill qabel li josserva dak li ntqal f'dawn ir-regolament u jinforma sewwa lil dawk li jitolbu l-għajnuna dwar xi petizzjoni.

3.3.14 Ref: 1433/09. Sehem fi programmi u proġetti tal-EU – memo 63/2009. Il-Kunsill qabel li jagħmel l-kordinazzjoni meħtieġa dwar programmi ewropej.

3.3.15 Ref: 1441/09. Talba għal sitt jardi konkos fil-Ground tal-Gudja United FC. Il-Kunsill qabel li jixtri dan il-materjal peress li l-ground tal-football iservi għal edukazzjoni sportiva tat-tfal tal-Gudja.

3.3.16 Ref: 1445/09. Ittra tas-Sur Noel Calleja Kap ta' l-iSkola Primarja tal-Gudja dwar li l-aħjar soluzzjoni li l-logħob tan-nar tat-tlett festi jibda jintrama ximkien ieħor minflokk eżatt quddiem l-iskola. Il-Kunsill ħa nota ta' din l-ittra iżda peress li din il-kwistjoni mhux fil-kompetenza tal-Kunsill, il-Kunsill iħoss illi l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeċiedu dwar dan mingħajr xi intervent mill-Kunsill.

3.3.17 Ref: 1452/09. Memo 65/2009 Att Nru XVI tal-2009 avviż ta' Bdiu fis-seħħ. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-memo fosthom il-projbizzjoni totali ta' donazzjonijiet mill-Kunsilli kemm fi flus kif ukoll mhux fi flus. Il-Kunsill qabel li josserva ukoll illi l-agenda tal-laqgħa tasal għand il-Kunsilliera mill-anqas ħames ġranet tax-xogħol qabel il-laqgħa. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll dwar l-obligu illi minbarra s-sejħa għall-offerti anke sejħa għal kwotazzonijiet tkun pubblikata fil-gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta waħda ta' kuljum.

3.3.18 Ref: 1453/09. Ringrazzjament mill-Kap ta' l-iSkola s-Sur Noel Calleja lill-Kunsill. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut tal-email datata 22 ta' Ottubru 2009 dwar il-ħidma li qed issir b'kollaborazzjoni mal-iskola primarja għal ġid tar-residenti tal-Gudja u qabel li jkompli b'din il-ħidma kif ikun meħtieġ b'risq in-nies kollha tal-Gudja.

## 4.0 Proġett tal-Mitħna Housing Estate

4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-Asfaltar Co Ltd bagħat il-kont dwar phase one li jlaħħaq is-somma ta' €55,645.18. Il-Kunsill talab il-Perit D. Falzon għal verifka u konferma skond il-każ qabel ma jagħmel il-pagament.

4.2 Minħabba fiċ-ċirkustanzi preżenti, xogħlijiet ta' resurfacing fuq toroq oħra ġewwa tal-Mitħna ma jistgħux isiru qabel il-Water Service Corporation tagħmel xogħol meħtieġ fuq is-sistema tad-drenaġġ.

**5.0 Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf**
**GreenPak – Separazzjoni ta' l-iskart**

5.1 Attivita li saret fis-16 t'Ottubru 2009. Is-Sur Baldacchino fakkar illi l-Kunsill kien qed jipparteċipa f'din l-inizjattiva u rabat il-ftehim mal-Greenpak dwar il-waste separation banks bħal waħda mill-inizjattivi. Il-ġurnata tas-16 t'Ottubru 2009 hija data memorabbli għal Kunsill għaliex ġie varat programm fejn il-Gudja timmira li 35% ta' l-iskart ġenerat għandu jiġi riċiklat.

5.2 Il-pass li jmiss hija Charter dwar l-indafa u din tista tieħu forma ta' kuntratt ma diversi oqsma u persuni mill-Gudja li fthemu u jżommu sewwa l-ambjent u l-indafa fil-Gudja u jobbligaw irwiehom li jagħmlu dak kollu possibli li jħarsu l-ambjent.

5.3 Is-Sur Baldacchino qal illi l-pubbliku irrisponda sewwa ħafna u jidher li l-Kunsill beda fuq nota tajba u pożittiva.

5.4 Is-Sur Baldacchino qal li xtaq ukoll jirringrazzja lil kull min ħadem sabiex ikun hemm aktar indafa. Huwa qal li xtaq ukoll jirringrazzja lil każini għal koperazzjoni u għajnuna tagħhom sabiex ikun hawn aktar indafa fil-Gudja.

5.5 Il-Kunsill qabel li l-ftehim mal-GreenPak jiġi iffirmt fuq bażi ta' sitt xhur għaliex b'hekk filwaqt li tkun tista' tinkiseb l-esperjenza meħtieġa l-Kunsill ikun jista' jikseb l-aħjar servizz sew għal ġbir ta' skrt separat kif ukoll għal ġbir ta' skart domestiku li jkun mħallat.

**6.0 Attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 09/10**

6.1 Is-Sur Baldacchino qal li qed jippjana dan il-programm: Presepju fix-xelter tal-Paċi, Kompetizzjoni ta' Presepji fid-djar, tagħlim lill-istudenti kif jagħmlu presepju, dawl fit-toroq ewlenin flimkien mal-każini tal-baned, dawl mas-siġra ħdejn i-każin tal-PN, fis-siġra tal-pjazza tal-Qalb ta' Ġesu, siġra fi Ġnien G. Cassar, siġra fil-Housing Estate tal-Mitħna.

Il-Kunsill qabel u approva n-nefqa ta' l-ispejjeż dwar l-attivitajiet imesemmija.

6.2 Christmas Village ġewwa l-Gudja. Is-Sur Pace qal li flimkien mas-Sur Baldacchino kien qed jaħdmu sabiex Leon Productions tagħmel programm, flimkien mal-Kunsill, li jkun mifrux fuq diversi aspetti fejn tal-ħwienet ikunu jistgħu jarmaw fit-Triq R. Caruana, fil-pjazza l-ħwienet u każini jarmaw bl-ikel u xorb ikun hemm ukoll palk għal varjet, tieħu sehem il-banda ta' Joe Brown.

Waqt dawn is-siegħat ta' divertiment u kummerċ sejra tkun hemm Santa Klaus House u attivitajiet oħra bħala Bouncing Castle u annimation. Din l-attivita hija maħsuba li tagħti popolarita lil Gudja bħala post ta' attrazzjoni

li wieħed għandu jżur. Id-data maħsuba hija dik ta' l-20 ta' Diċembru 2009. Is-Sur Pace qal li l-prezz għal din l-attivita ilaħħaq mas-€6,000.00

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jfittex sponsors bil-għan li jnaqqas in-nefqa.

Il-Kunsill qabel li din l-attivita hija ta' ġid għal Gudja u illi sat-30 ta' Novembru 2009 jara l-konkorrenza ta' l-isponsors u jieħu deċiżjoni dwar il-finanzjament ta' din l-attivita.

**7.0 Finanzi**

7.1 Petty Cash. Il-Kunsill ra u apporva n-nefqa ta' €25.77 għax-xahar ta' Settembru 2009 kif preżentata lill-Kunsill.

7.2 Skeda ta' pagamenti. Il-Kunsill ra u apporva n-nefqa ta' €9,705.19 għax-xahar ta' Ottubru 2009 kif preżentata lil Kunsill u dan wara spjegazzjoni kif mitluba mill-Kunsilliera preżenti.

7.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

7.3.1 Ġnien G. Cassar. Is-Sur Baldacchino qal li hemm il-ħtieġa ta' manutenzzjoni fil-bandli. Il-Kunsill qabel li jordna lil M.Quip sabiex jirranġa fejn meħtieġ u approva l-ispjeża ta' €140.68.

7.3.2 Life Long learning Day Centre. Is-Sur Dalli qal li dan il-proġett jeħtieġ attrezzi fosthom mwejjed, siġġijiet, bank tal-kċina, dawl u attrezzaturi oħra. Il-Kunsill qabel u approva l-infieq dwar dak li jkun meħtieġ.

**8.0 Għeluq tal-laqgħa**

8.1 Menħir u Salib Antik fil-konfini tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li semgħa li l-Kunsill ta' Ħal Luqa setgħa ta' ħjiel li dawn jinsabu taħt l-amministrazzjoni tiegħu. Il-Kunsill qabel li jittieħdu passi sabiex kemm l-Wirt Storiku tal-Gudja jiġi mħares sewwa kif ukoll li dak li huwa tal-Gudja jibqa taħt l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali Gudja.

8.2 Festival Kultura, artiġjanta, arti u snajja antika. Is-Sur Pace qal i l-Kunsill wera interess li jieħu sehem u jtella attivita kif indikata u applika sabiex jikseb fondi ta' madwar €8,000.00 sabiex jiffinanzja dan.

Il-ħsieb huwa li din l-attivita issir għal aħħar ta' Frar jew bidu ta' Marzu 2010 u l-Kunsill jiġi infurmat aktar meta jkollu aktar informazzjoni mid-Dipartiment u Awtoritajiet konċernati.

8.2 Il-laqgħa spiċċat fid-8.45p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku